# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Diċembru 2012

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tar-rata tariffarja li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-modalitajiet tekniċi skont dak il-Ftehim

(2012/793/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/105/UE [1], il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tar-rata tariffarja li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") u l-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-modalitajiet tekniċi skont dak il-Ftehim ("il-Protokoll"), ġew iffirmati fis-16 ta' Diċembru 2011, suġġetti għall-konklużjoni tagħhom.

(2) Il-Ftehim u l-Protokoll għandhom jiġu approvati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tar-rata tariffarja li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-modalitajiet tekniċi skont dak il-Ftehim, huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni. [2]

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jipproċedu, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex jagħmlu n-notifika prevista fil-Ftehim u fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 26, tal-Protokoll, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim u l-Protokoll [3].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

[1] ĠU L 57, 29.2.2012, p. 1.

[2] Il-Ftehim u l-Protokoll ġew ippubblikati fil-ĠU L 57 tad-29.2.2012, flimkien mad-deċiżjoni tal-iffirmar.

[3] Id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u l-Protokoll se tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Generali tal-Kunsill.